VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 128, 27 ta' Awwissu, 2013*
*Taqsima B*

**A.L. 254 tal-2013**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 315.04.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Is-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "minnufih qabel ma dawn jintużaw." għandhom jidħlu l-kliem "minnufih qabel ma dawn jintużaw; u"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) kull persuna tista' tpejjep jew tippermetti li jsir tipjip f'kamra għat-tipjip maqtugħa għaliha f'każinò li jkun liċenzjat mill-Awtorità dwar il-Lotteriji u
Kap. 400. l-Logħob skont l-Att dwar il-Logħob.".